**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Stephen Casha bin Joseph u Paulina nee` Zammit li joqghod Nru 59, Sqaq San Pawl, Nru 1, Luqa, Malta.**
**(Karta ta' l-Identita` Nru 410869 M)**

Illum 12 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat akkuzat talli nhar it-18 ta' Marzu 2002 bejn it-3:30p.m. u is-6:30p.m. u ghalhekk fl-istagun maghluq ghall-kacca ta' l-ghasafar f'San Lawrenz jew fl-Gharb, Ghawdex, ikkaccja jew ipprova jikkaccja ghal xi ghasfur (2) talli fl-istess data u ghall-habta tas-6:15p.m. fi Triq Papa Gwanni Pawlu II, Rabat, Ghawdex, waqt li kien go vettura Nru BBA 159 garr senter tal-marka Benelli u munizzjon minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta' l-artikoli 4 u 9 ta' l-Avviz Legali 146/93 u 3 (1) tal-Kap 66.

Semghet il-provi;

Ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel akkuza u tilliberah minnha;

Issibu hati tat-tieni akkuza;

Wara li rat l-artikoli 4 u 9 ta' l-Avviz Legali 146/1993 u l-artikolu 3 tal-Kap 66;

Tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira Maltin (Lm200) u tordna l-konfiska ta' l-oggetti esebiti.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur